# IL-PULIZIJA

Marzu 2022 · Vol 29 · Nru 1




NEWSPAPERPOST


CONTACTLESS CARDS
JUST TAP & PAY
Cashlink
BOV
VISA
Debit
Talk to us | 2131 2020 | bov.com
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).
BOV
Bank of Valletta

# Werrej


**04** Il-Messaġġ
Tal-Kummissarju

**07** Dan l-aħħar
Minn PC 2025 Charlene Cilia

**11** Il-Proġetti MIRROR u CRiTERIA

**12** Intervista mad-Direttur Ġenerali
Minn PC 2025 Charlene Cilia

**14** Taħriġ barra minn xtutna
mill-Ispettur Omar Zammit

**17** Q & A
Minn Dr. Mary Muscat

**18** Meta naffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' sfida
Employee Support Programme Unit

**21** Police Officers Union
Minn Steve Spiteri

**22** Apprezzamenti
Mingħand il-Komunità

**25** Paġna tal-Isports
Avvenimenti Sportivi

**26** Pensjonanti
Kitba ta' Martin Pace

**29** International Police Asssociation

**30** Obitwarju


# Editorjal

Minn kif stajtu tindunaw din l-edizzjoni hija inqas volumuża mill-edizzjonijiet ta' qabel u dan għaliex ġie deċiż li minn din is-sena jitnaqqsu l-paġnar u l-artikli jkunu iżjed konċiżi. Dan qed isir peress li apparti dan il-magażin qed tinħareġ ukoll newsletter virtwali għall-membri kollha tal-Korp ta' kull xahar u li hija ffukata iżjed fuq l-Istrateġija tat-Trasformazzjoni, mentri l-magażin se jkompli jagħti spazju għal artikli varji oħra.

L-għan huwa li jkollna mezzi ta' komunikazzjoni differenti li jkunu qed jolqtu lil kulħadd, saħansitra l-pensjonanti li għandhom għal qalbhom din il-publikazzjoni. Nassigurakom li mhux faċli, qed jiġu investiti ħafna ħin u riżorsi biex jitwassal il-messaġġ. Huma l-membri tal-Korp stess li ħafna drabi jilmentaw li mhux qed issir biżejjed komunikazzjoni u għalkemm għad hemm ħafna xogħol xi jsir, tajjeb li wieħed japprezza l-isforzi kollha li qed isiru biex jitwassal il-messaġġ. Imma mhux biss, irridu li permezz ta' dawn il-mezzi jkun hemm lok fejn intom twasslu s-suġġerimenti tagħkom. Issa li qegħdin fil-fażi li nillimitaw il-kontenut nixtiequ nisimgħu mingħandkom x'tixtiequ li taraw iżjed jew inqas fih. Kwalunkwe suġġerimenti b'rabta ma' dan il-magażin jistgħu jintbagħtu fuq magazine.police@gov.mt

Grazzi u l-Ħidma t-Tajba
Rodienne Bartolo Haidon
Editur

## Membri tal-bord

**President**
Spettur David Bugeja

**Editur**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon

**Membri**
PS 2280 - Louise Busuttil
PC 2025 - Charlene Cilia
PC 2176 - Sloune Gatt Fabri
Jean Paul Vella

**Qari tal-Prova**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon
PC 2019 - Daniela Grima Sultana




*Ritratt mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni*

**Fotografija**
PC 920 - Clive Pace

**Nota ta' ringrazzjament**
Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt: Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, VLT 2000 jew ***magazine.police@gov.mt***


**Disinn u Riklamar**

ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317
e-mail: abpublicationsltd@gmail.com

Stampar
GUTENBERG PRESS

# Il-Messaġġ tal-Kummissarju

### Korp li Jikseb ir-Riżultati



Grazzi kbira! Ma għandix kliem biżżejjed sabiex nirringrazzja minn qalbi lil kull wieħed u waħda minnkom għall-ħidma sfiqa tagħkom sabiex mexxejna b'suċċess l-impenji kbar f'dawn l-ewwel xhur tas-sena.

Dan kollu huwa xiehda ta' kemm dan tagħna huwa Korp reżiljenti, li mhux biss jilqa' l-isfidi imma fl-aħħar xhur komplejna nuru kemm kapaċi nadattaw għat-tibdil kontinwu ta' madwarna. Fuq kollox, grazzi għall-impenn kbir ta' kull wieħed u waħda minnkom, dan huwa Korp li jikseb ir-riżultati.

F'kull okkażjoni li jkolli nagħmel aċċenn għaż-żieda fil-fiduċja tal-pubbliku li l-Korp kompla jikseb matul is-sena 2021. Importanti li nifhmu li l-effettività ta' xogħolna tiddependi ħafna fuq l-approvazzjoni tal-pubbliku għal-leġittimità tagħna. Dan huwa dak li bl-Ingliż nirreferu għalih bħala policing by consent.

Issa aħna konxji li l-fiduċja u l-kunfidenza tan-nies fina tintiseġ mir-riżultati li l-Korp jikseb f'ħidmietu kif ukoll billi nkunu aktar preżenti qalb il-komunitajiet tagħna.

Proprju fl-aħħar xhur komplejna nsaħħu l-preżenza tagħna fil-komunitajiet Maltin u Għawdxin, l-aktar bit-twessigħ tal-proġett tal-Community Policing li llum qed jitħaddem fi 28 lokalità f'Malta u Għawdex kollu. U proprju għaliex qed jagħmlu differenza kbira f'ħajjet in-nies, is-sena l-oħra it-timijiet tal-Community Policing ġew onorati bil-premju nazzjonali tat-Tim tas-Sena. Infakkar li l-Korp tal-Pulizija kiseb dan l-unur tant prestiġġjuż għat-tieni sena konsekuttiva wara li fis-sena preċedenti kien imiss lill-Environment Protection Unit li jiġu rikonoxxuti għall-ħidma tagħhom fit-trażżin tal-imxija tal-Covid-19.

Iżda l-andament pożittiv ta' ħidmietna fl-2021 huwa frott l-isforz kollettiv ta' kull wieħed u waħda minnkom. Tajjeb ninnutaw li filwaqt li fl-2021 ġiet irreġistrata żieda ta' 20% fir-rapporti mdaħħla fin-National Police System kumparat mas-sena preċedenti, ħafna minn din iż-żieda hija riżultat ta' ħidma aktar proattiva u aktar infurzar mill-membri tal-Korp.

Partikolarment, filwaqt li fl-2020 is-serq kien naqas b'rata drastika ta' 30%, is-sena l-oħra dawn ir-rapporti komplew jonqsu sabiex l-4478 rapport ta' serq li rċevejna s-sena l-oħra jimmarkaw l-anqas rata li l-Korp qatt irreġistra fl-aħħar 24 sena u ċioe mindu daħal il-Police Incident Reporting System (PIRS). Jekk nikkumparaw dan l-ammont mar-rapporti ta' serq fl-2004 (11,333 rapport) naraw li dan ir-reat naqqasnieh b'rata fenomenali ta' 60%! Bl-istess mod, grazzi għal uffiċjali mħarrġa aħjar fid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali, rajna li s-sena l-oħra l-arsons naqsu b'aktar minn 60% sabiex b'hekk il-komunitajiet tagħna żgur li

ħassewhom aktar sikuri. Din ukoll hija l-anqas rata ta' arsons fl-aħħar 24 sena u tirreġistra tnaqqis ta' 75% fuq ir-reati ta' arsons irreġistrati fl-1999 (143 każ)!

Fl-istess waqt, anke permezz ta' aktar preżenza u road checks imwettqa mill-pulizija tad-distrett, is-sena l-oħra rajna qabża drastika ta' 260% f'dak li huwa infurzar marbut mal-vizzju tad-droga. Dan kollu huwa frott ħidma aktar proattiva l-aktar min-naħa tal-pulizija tad-distrett.

Mill-banda l-oħra, il-każijiet ta' vjolenza domestika komplew jiżdiedu matul l-2021 anke jekk b'rata ferm anqas mgħaġġla minn dik tas-sena ta' qabel. Filwaqt li ma niħdux gost b'żieda f'każijiet ta' vjolenza domestika, nimtlew b'kuraġġ li vittmi ta' dan l-abbuż qed ikabbru l-kunfidenza tagħhom fil-membri tal-Korp partikolarment dawk tal-Gender-Based & Domestic Violence Unit li qed ikunu aktar professjonali u empatiċi fil-ħidma tagħhom ma' dawn il-vittmi vulnerabbli. Huwa nkoraġġanti wkoll li ż-żieda f'dawn ir-rapporti hija riflessa f'każijiet ta' vjolenza psikoloġika filwaqt li rajna tnaqqis f'dawk li huma rapporti ta' vjolenza fiżika. Dan ifisser li l-kampanji ta' għarfien, inkluż dawk mill-Korp tal-Pulizija, qed iħallu impatt pożittiv.

Matul l-2021 komplejna naraw evoluzzjoni fil-kriminalità minn waħda mwettqa f'dinja fiżika għal waħda li qed tifjorixxi f'dinja virtwali. Il-każijiet ta' frodi żdiedu b'aktar minn 200%, partikolarment frodi onlajn. Kieku jkollna nqabblu r-rapporti ta' frodi fl-2021 ma' għoxrin sena ilu naraw li dawn żdiedu b'rata straordinarja ta' kważi 1500%! Bl-istess mod kompla jiżdied il-computer crime fejn minn erba' każijiet fl-2003, is-sena l-oħra l-Korp irċieva 337 rapport, żieda ta' 25% fuq is-sena ta' qabel. Quddiem dawn ir-realtajiet, dmirna hu li ninvestu aktar f'dawn l-oqsma sabiex ħidmietna fir-rigward tas-cyber crime tkun waħda aktar effettiva.

U jekk illum għandna soċjetà aktar sigura u ordnata, dan huwa wkoll riżultat tal-infurzar kollettiv imwettaq mill-pulizija tad-distrett, tal-community policing, kif ukoll sezzjonijiet speċjalizzati oħra, inkluż it-Traffic, l-RIU, il-K9, il-Mounted u l-EPU. Is-sena l-oħra dawn irnexxielhom iżidu l-ammont ta' taħrikiet bi kważi 150%. Anke hawnhekk investejna f'teknoloġija ferm utli għall-pulizija tagħna fejn, fost oħrajn, b'mod istantanju qed ikunu mgħarrfa jekk il-persuna quddiemhom hijiex imfittxija.

U ġaladarba ħriġna ferm aktar taħrikiet, l-inkontri tal-membri tagħna mal-pubbliku żdiedu u ċertament li f'sitwazzjonijiet bħal dawn ma tantx ikunu inkontri feliċi. Huwa interessanti pero ninnutaw li s-sena l-oħra rajna tnaqqis ta' aktar minn 35% f'dawk li huma każijiet ta' vjolenza fuq pulizija. Il-fatturi għal dan jistgħu jkunu varji pero żewġ elementi li ċertament għamlu differenza f'aġir aħjar mill-membri tal-pubbliku fil-konfront ta' uffiċjali tal-pulizija huma ż-żieda fir-rispett li qed ingawdu llum il-ġurnata kif ukoll l-introduzzjoni tal-body-worn cameras, fejn ir-riċerka internazzjonali tikkonferma titjib fl-imġieba tal-pubbliku fil-konfront tal-pulizija.

Filwaqt li m'aħniex Korp tal-Pulizija perfett, ir-riżultati miksuba s-sena l-oħra għandhom jimlewna b'kuraġġ kbir. Ejja nkomplu naħdmu sabiex ir-rata tal-kriminalità tkun biss waħda mill-fatturi tas-suċċess tagħna. Mal-kwantità, irridu niffukaw ukoll fuq il-kwalità tas-servizz li noffru. Huwa b'dan il-mod li ġurnata wara l-oħra nkunu pass eqreb lejn it-twettiq tal-viżjoni tal-Korp, dik **'li l-pubbliku jafdana sabiex nassiguraw pajjiż sikur għal kulħadd.'**

*DOMINE DIRIGE NOS*


WE'RE
STRONGER
TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 www.montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg

# Dan l-aħħar

**minn PC 2025 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni**

Bħala parti mill-programm 16 days of Activism Against Gender Based & Domestic Violence, nhar l-4 ta' Diċembru 2021, il-Korp tal-Pulizija, organizza open day ġewwa l-Kwartieri tal-RIU / SIU, f'Ta' Kandja. Din il-ġurnata kienet mimlija b'attivitajiet immirati lejn il-familja kollha, mill-kbir saż-żgħir żgur li laqtet l-interess ta' kulħadd. Fost id-diversi attivitajiet wieħed seta' jammira attrazzjonijiet bħal abseiling u x-Shooting Simulator. Ma naqsux milli jkunu parti minn din il-ġurnata s-sezzjonijiet l-aktar imfittxija mill-pubbliku; il-K9 u l-Kavallerija, kif ukoll il-Pulizija tal-Komunità bis-Segway.




Il-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll il-Ministru Byron Camilleri kienu preżenti waqt din l-attività fejn tkellmu mhux biss mal-uffiċjali preżenti imma wkoll man-nies li għoġobhom jilqgħu l-istedina tagħna.

Attivitajiet bħal dawn jagħqdu mhux biss lilna bħala kollegi fil-Korp imma anki lin-nies li jogħġobhom jattendu u b'hekk ikollhom l-opportunità li mhux biss jaraw u jisimgħu dak li jidher u jintqal minn barra, imma jkollhom iċ-ċans jaraw oltrè, bħall-apparat li jintuża u anki taħriġ li ningħataw.



Matul din il-ġurnata wkoll, propju ġewwa l-kumpless f'Ta' Kandja, ġew inawgurati 4 muturi BMW li ngħaqdu mal-flotta tas-Sezzjoni tat-Traffiku.

Muturi ġodda li ngħataw dehra aktar viżibbli kif ukoll huma mgħammra bl-aħħar teknoloġija fuq sigurtà għall-kontroll tal-mutur.

Is-servizz tal-Pulizija tal-Community Policing ġie estiż f'Għawdex kollu u f'seba' lokalitajiet oħra f'Malta li huma Santa Luċija, Raħal Ġdid, San Pawl il-Baħar, Ħal Lija, l-Iklin, Ħ'Attard, u Ħal Balzan. Dan ifisser li issa dan is-servizz qed jopera fi 63% tal-ibliet u l-irħula Maltin.




F'attività li saret ġewwa Raħal Ġdid, il-Ministru Byron Camilleri spjega li bis-servizz tal-Community Policing qed ikollna pulizija iżjed proattivi u iżjed qrib in-nies - "Irridu li f'pajjiżna jibqa' jkollna komunitajiet siguri u permezz tas-servizz tal-Community Policing dan kollu qed ikun sostnut".

Matul ix-xhur ta' Frar u Marzu, kollegi tagħna li huma stazzjonati l-K9 attendew kors ferm interessanti u li naħseb huwa l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta li ġie offrut mill-Korp tal-Pulizija, Canine First Aid Course. Kors li huwa immirat sabiex f'każ ta' emerġenza jew anki inċident li jista' jsofri kelb, il-handler tiegħu jkun kapaċi jagħti u joffri l-ewwel għajnuna medika sakemm jasal it-tabib. Dan il-kors qed isir bil-kollaborazzjoni ma' BLF.D Academy International flimkien mas-Sur Etienne Micallef. Is-Sur Etienne Micallef ħafna minnha nafuh ġewwa l-akkademja meta attendejna għat-taħriġ tal-First Aid waqt l-in-service.




Il-kors tal-Canine First Aid kien jinkludi kemm teorija kif ukoll prattika u ffoka fuq diversi xenarji. Itrattaw kundizzjonijiet bħal stomach torsion li tiġri meta kelb ikun għadu kif kiel u wara ftit ħin jiġi espost għat-training jew ġiri. Kundizzjoni bħal din hija komuni u tista' tkun fatali. Ingħataw taħriġ ukoll fuq gdim t'insetti, ħruq, ksur, feriti fondi, thermal shock u qtugħ ta' nifs, fost oħrajn.



Il-prattika kienet ukoll tinkludi manuvri ta' kif tista' tiċċekkja u anki tgħin kelb li għal xi raġuni jkollu problemi fin-nifs, kif ukoll kif tagħmel CPR fuq il-kelb f'każ ta' bżonn. Saret ukoll prattika fuq feriti fondi, bħal ngħidu aħna f'każ ta' sparatura u ntlaqat il-kelb... x'għandek tagħmel, biex kemm jista' jkun twaqqaf id-demm. Ingħata taħriġ ta' kif għandu jsir trasport tal-kelb f'każ li dan ikun ferut, kif ukoll taħriġ ta' kif tista' tamministra mediċina lill-kelb anki b'injezzjoni.

Interessanti wkoll kien il-fatt li ma kienx kors ibbażat biss fuq First Aid imma tkellem ukoll fuq l-indafa u l-kura personali tal-kelb, kif ukoll fuq l-ambjent ta' madwaru u dan sabiex anki s-saħħa mentali tal-kelb tkun waħda tajba.




enemed
BAY 1
BAY 2
BAY 3
BAY 4
POWERING YOUR DRIVE
www.enemed.com.mt


NEW DACIA DUSTER
The Rugged, Robust and Reliable SUV
DACIA
DUSTER
SANDERO
SANDERO STEPWAY
DUSTER
ALL-NEW DACIA SANDERO from €15,700*
ALL-NEW DACIA SANDERO STEPWAY from €16,600*
NEW DACIA DUSTER from €17,000*
*Price is inclusive of Scrappage Scheme. T&Cs apply. 5 year Service Plan also available.
KIND'S
AUTO SALES LTD
Mosta Road, Lija, Malta. Tel: 21433601
Mgarr Road, Xewkija, Gozo. Tel: 21550962
Email: sales@autosales.com.mt
Kind's | www.autosales.com.mt
acim

WALTHER



PDP

PERFORMANCE. DUTY. PISTOL.

DEFINED BY OVER A CENTURY OF ENGINEERING PASSION,
PRECISION WORKMANSHIP AND INNOVATION

With the PDP pistol, Walther's timeless innovation has once more achieved a breakthrough never seen before in firearms. With revolutionary ergonomics, SuperTerrain Slide Serrations, and a brand-new Performance Duty Trigger, this is the next evolution in world-class ingenuity for pistols.

All versions Optics Ready with Co-witness sights
Short reset 25N Performance Duty Trigger
Optimum Performance Duty Texture Grip

Reliable and Safe Performance
Rugged SuperTerrain Serrations
Ergonomics and Intuitive Pointability

Available in three barrel lengths, 4", 4.5" and 5", each selling at €798!

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Gunshop**
**Phoenix Business Centre, 23, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta**
**Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091**
**e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com**

# Il-Proġetti MIRROR u CRiTERIA bil-għan li tissaħħaħ it-Taqsima tal-Analiżi tar-Riskju fis-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni

**mill-Uffiċċju tal-Proġetti**

L-uffiċċju tal-Immaniġjar tal-Proġetti fi ħdan il-Korp tal-Pulizija flimkien mat-Taqsima tal-Immigrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija, bħalissa qed jaħdem ma' diversi msieħba lokali u internazzjonali fuq żewġ proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea (UE) taħt il-programm Horizon 2020 bl-isem ta' MiRROR u CRiTERIA. Għalkemm iż-żewġ proġetti jikkumplimentaw lil xulxin, huma għandhom għanijiet u kisbiet differenti.

MIRROR huwa proġett ta' riċerka li għandu l-għan li jiġġenera ftehim akbar ta' kif in-nies (minn barra l-UE) iħarsu lejn l-Ewropa bħala destinazzjoni għall-migrazzjoni. Ir-riżultati tal-proġett se jiffurmaw il-bażi għal rakkomandazzjonijiet ta' politika innovattiva u avvanzata, kif ukoll qiegħda tiġi ffinalizzata pjattaforma u sett ta' għodod ġodda għal analiżi effettiva tal-perċezzjoni bejn il-midja. Min-naħa l-oħra, il-proġett CRiTERIA tniehda fl-2021 u ser ikun mifrux fuq tliet snin. L-għan huwa li jiġu estiżi l-metodi eżistenti ta' analiżi tar-riskju billi jiġu introdotti pjanijiet ġodda li jsaħħu dawn il-metodi, biex b'hekk isiru aktar konvenjenti u siguri għall-użu mill-aġenziji tal-fruntieri fl-Ewropa.

Fl-aħħar ftit xhur, l-uffiċċju tal-Immaniġjar tal-Proġetti kien qiegħed jipprepara għat-tnehdija tal-proġett MiRROR, fejn grazzi għall-fondi mill-UE inxtraw żewġ laptops li ser jgħinu lis-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni taċċessa l-pjattaforma tal-istess proġett bl-aktar mod sigur possibbli. Minbarra l-laqgħat relatati mal-proġett MiRROR, kellna wkoll diversi laqgħat virtwali li ddiskutew b'mod wiesa' għarfien u ideat avvanzati biex titkompla l-implimentazzjoni tal-proġett CRiTERIA.






# Intervista mad-Direttur Ġenerali

**minn PC 2025 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni**



**Tpoġġix il-fiduċja tiegħek fil-bniedem imma f'Alla...**vers mill-Bibbja li għall-persuna li magħha għamilna din l-intervista, ifisser ħafna. Vers li ħalla impatt fuqha matul is-snin tant li bħala persuna bniet relazzjoni sabiħa ma' Alla li tgħinha tgħix ġurnata b'ġurnata l-ħajja impenjattiva tagħha.

Kien bix-xieraq li nippubblikaw din l-intervista mas-Sinjura Sgandurra fix-xahar sinonimu ma' Jum il-Mara. Is-Sinjura Stefania Sgandurra bdiet il-karriera tagħha mal-Pulizija fis-sena 2014, fejn kopriet diversi rwoli fil-Korp, sakemm fis-sena 2021 ġiet maħtura bħala l-ewwel Direttur Ġenerali li qatt kellu l-Korp tal-Pulizija. Dan ifisser li dak kollu li huwa relatat ma' amministrazzjoni jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha - HR, ICT, S&ME, QMS, il-Garaxx u aktar. Lil Stefania, bħal bosta, sirt nafha meta ġiet taħdem ġewwa l-uffiċċju tal-EU. Ma tistax ma tiħux grazzja magħha, il-karattru umli u ferrieħi li għandha jiġbdek mill-ewwel. Titkellem magħha fuq kollox u għalkemm fil-preżent qed tokkupa pożizzjoni għolja u xejn faċli, xorta tibqa' dik il-persuna li mhux ħa tiddejjaq xejn tidħaq xi daħqa miegħek jew tpoġġi għal xi belgħa kafè, biex tara kif tista' tgħinek.

Trabbiet fil-lokalità ta' Ħal Luqa u tammetti bla problemi li bħala tifla ma kinitx mill-kwieti, madanakollu kienet tħobb ħafna l-iskola. Kienet tħobb l-istudju u għadha sal-lum dejjem tara x'tista' tistudja u titgħallem iktar. Studenta akkademikament eżamplari fejn il-matematika u l-letteratura Ingliża kienu s-suġġetti favoriti, flimkien mal-ħolma li ssir pilota. Ħolma li bdiet issir realtà meta lestiet it-teorija u ta' sbatax-il sena marret l-Amerka għal sitt ġimgħat ta' studju u prattika, fejn ġabet il-liċenzja biex issuq ajruplani żgħar b'magna waħda.




Minħabba ċirkostanzi tal-ħajja li ma kinux fil-kontroll tagħha, meta rritornat lura Malta bil-liċenzja ta' pilota, iddeċidiet li titlaq l-iskola u toħroġ fid-dinja tax-xogħol. Bdiet l-ewwel taħdem il-bank, dak iż-żmien Lohombus Bank, fejn kienet skrivana nkarigata mil-loans tad-djar. Imbagħad dan il-bank sar Mid-Med Bank, fejn kienet involuta fl-ewwel riforma tal-istess bank. Tgħidilna li kif kienu ħa jaqbdu jirrankaw kellhom ixammru l-kmiem għal strateġija ta' transformazzjoni oħra, sakemm imbagħad ġie l-HSBC kif nafuh illum. Matul dak iż-żmien taħdem il-bank ġieli ħasbet li din ma kinitx il-linja tagħha, imma llum il-ġurnata tgħid li dak li tgħallmet minn hemm, illum qed issibu utli u qed tapplikah. Meta umbagħad ġieta opportunità taħdem mal-Emirates ma ħasbithiex darbtejn biex tapplika. Intgħażlet bħala airhostess u l-ħsieb wara dan kien mhux biss li ħa ddur id-dinja, imma wkoll li minn hemm tkompli tistudja għal pilota. Dan ix-xogħol wassal għal ħafna promozzjonijiet f'dan il-qasam, u hemm ġiet konxja li ħa tkun diffiċli għaliha li kieku kellha twettaq ix-xewqa l-oħra, dik li tissettilja b'familja, u ssir pilota. Għalhekk ix-xewqa tal-pilota ingħatat il-ġenb. Iddeċidiet li tiġi lura Malta u ħadet id-deċiżjoni li tkompli tistudja ġewwa l-Università ta' Malta. Ħadet kors fil-European Studies u kien propju dan il-kors li wassalha biex tibni interess fil-qasam tal-fondi. Madanakollu s-suġġetti li l-aktar laqtuha kien proprju dawk tas-sigurtà u l-immigrazzjoni. Kompliet tintensifika l-istudju b'Masters fid-Diplomazija, sakemm imbagħad ġiet avviċinata minn professur li ssuġġerilha scholarship ġewwa l-College of Europe.


I U. S. DEPARTMENT OF TRANSPORTATION XI
FEDERAL AVIATION ADMINISTRATION
IV NAME
STEFANIA MANGION
V ADDRESS
BELLEVUE WILGA ST
LUQA LQA 02
MALTA
VI NATIONALITY
MALTA
D.O.B.
11 JUL 1979
SEX HEIGHT WEIGHT HAIR EYES
F 72 185 BROWN BROWN
IX HAS BEEN FOUND TO BE PROPERLY QUALIFIED TO EXERCISE THE PRIVILEGES OF
II PRIVATE PILOT
III CERTIFICATE NUMBER 2547869
X DATE OF ISSUE 12 AUG 1996
Steph Mangion
VII SIGNATURE OF HOLDER
XIV
VIII ADMINISTRATOR

Wara sena l-Belġju, fejn kisbet it-tieni Masters, ġiet lura Malta u bdiet taħdem ġewwa l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn kienet tieħu ħsieb ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Gvern mal-pajjiżi barranin.

Fl-2009 żżewġet lil Chris u flimkien għandhom żewġt itfal, Luca u Mattea. Għamlu 4 snin miż-żwieġ tagħhom jgħixu Vienna u kien propju meta ġew lura Malta, li bdiet taħdem mal-Korp tal-Pulizija. Għalkemm qatt ma kienet pulizija bil-ġurament jidher li d-demm pulizjesk diġà qiegħed hemm għax in-nannu tagħha kien surġent. Fil-verità lil dan in-nannu qatt ma leħqitu però tgħid li "tant jirrakkontawli fuqu u fuq l-avventuri tiegħu fil-Korp li trabbejt b'dik il-ġibda lejn il-Korp tal-Pulizija". Kienet tisma' rakkonti fuq kif in-nannu tagħha kien solva każ ta' omiċidju li kien sar b'bomba ġewwa Ħal Tarxien snin ilu, allura hi minn dejjem kellha dik iċ-ċertu stima u rispett lejn min jagħmel dan ix-xogħol. Id-dixxiplina kellha faxxinu partikolari għaliha. In-nannu l-ieħor, kien iħeġġiġa biex tapplika għal spettur, anke minħabba l-istatura twila tagħha. Min kellu jgħidlu li kienet se tkun qed tokkupa waħda mill-ogħla karigi fil-Korp tal-Pulizija. Tgħid li jekk it-tfal tagħha jitħajru għal karriera fil-Korp, hi ħa tkun minn tal-ewwel li tinkoraġġiehom, speċjalment meta hemm ippjanat dan it-titjib matul dawn is-snin li ġejjin.

Il-fatt li x-xogħol impenjattiv tagħha jieħu ħafna ħin u fih ħafna stress, tipprova kemm jista' jkun issib il-bilanċ bejn il-ħajja tal-familja. Għalkemm ma tantx jirnexxielha, f'dan l-aspett tgħid li x-xogħol tagħha ma jkunx possibbli kieku mhux grazzi wkoll għas-sapport kbir li ssib mir-raġel. Bħal kull ġenitur li jkollu karriera impenjattiva, tipprova tleħħaq ma' kollox.

Tisħaq li l-irwol tagħha fil-pulizija tipprova kemm jista' jkun taqdih viċin il-membri tal-Korp. Stefania tqis lilha nnifisha bħala persuna li m'għandhiex kwiet u tibża' minn x'ħa tagħmel appena tkun waslet biex tieqaf mix-xogħol. Tistqarr li dil-biża' kibret iżjed minn meta daħlet fil-Korp. L-esperjenzi li tiltaqa' magħhom ta' pulizija li wara snin twal jiġu biex jitilqu u d-dieqa li ħafna minnhom ikollhom ħalliet impatt fuqha, tant li tgħid li trid tkompli taħdem biex isir investiment f'nies li jkunu taw snin ta' servizz u jkollhom tant esperjenza. Il-wellbeing tal-impjegati hija xi ħaġa dejjem ta' prijorità għaliha.

Ma tistax temmen kif għaddew 8 snin mill-ġurnata li daħlet għax-xogħol ġewwa d-Depot, "xi ħaġa li mhux faċli tispjegaha, għax għaddew bħal leħħa ta berqa u fl-istess ħin qisni ilni ħafna iktar. Inħossni wisq parti mill-Korp, inħossni pulizija. Il-ħbieb tiegħi huma pulizija u ħajti, apparti l-familja, hija x-xogħol tiegħi mal-Korp". Fil-Korp ferħet, bkiet u bniet relazzjoni sabiħa ma' kull min b'xi mod ħadmet miegħu u bla ebda dubju d-dedikazzjoni tagħha qed tagħti l-frott fil-proċess tat-trasformazzjoni li għaddej minnu l-Korp.











# Taħriġ barra minn xtutna

### mill-Ispettur Omar Zammit
### - Counter Terrorism Unit

Bejn Novembru u Diċembru 2021, grupp ta' 24 pulizija mill-iskwadri ta' kontra t-Terrorizmu u Relazzjoni Internazzjoni attendew taħriġ ġewwa l-belt ta' Lisbona, fil-Portugall.

Tliet gruppi ta' 8 pulizija kienu mistiedna minn Policia Judiciaria tal-Portugall fejn ingħataw taħriġ fuq diversi suġġetti relatati mat-Terroriżmu u Relazzjonijiet Internazzjonali.

Dan it-taħriġ li kien mqassam fuq ġimgħa sħiħa kien jikkonsisti f'sessjonijiet forma ta' lectures kif ukoll visti f'sezzjonijiet differenti fosthom International Relations Unit, l-akkademja tal-Policia Judiciaria, il-laboratorju Forensiku, Cyber Crime Unit, kif ukoll AntiTerrorism Coordination Unit.

Permezz ta' dan it-taħriġ, l-pulizija kellhom ċans jitgħallmu aktar fuq kif jaħdmu kollegi tagħhom barra minn xtutna kif ukoll kien hemm iċ-ċans li naqsmu l-ideat bejnietna.

Dan it-taħriġ kien ffinanzjat minn Erasmus+ Project, setgħa biss iseħħ minħabba l-kooperazzjoni tajba ħafna li hemm bejn il-Pulizija Maltija speċjalment l-iskwadra ta' kontra t-Terroriżmu u l-Policia Judiciaria fil-Portugall. Aktar minn hekk, dan it-taħriġ kien approvat mill-Kummissarju tal-Pulizija li ffaċilita bis-sħiħ biex dan jitwettaq.





DAVID'S BAKERY GOZO

Delicious LENT & EASTER Confectionery

WITH A UNIQUE COMBINATION OF MASTER BAKERY SKILLS AND UNRELENTING PASSION
WE PROUDLY CREATE TRADITIONAL LENT & EASTER TREATS THAT ARE SIMPLY IRRESISTIBLE!!!!

AVAILABLE FROM SUPERMARKETS, GROCERY STORES AND OTHER OUTLETS IN MALTA AND GOZO 2155 5655 info@davidsbakerygozo.com




***We are NOW delivering to Gozo every first and third Friday of each month!***

# www.smart.com.mt

## Quick, Easy & Convenient




### Get Social with Smart Supermarket

Like us on Facebook

Follow us on Instagram

### Where to contact us

A: Smart Shopping Complex, Naxxar Road, Birkirkara, BKR 9042, Malta
T: +356 2144 2728
E: info@smart.com.mt
W: www.smart.com.mt
FB: www.facebook.com/smartsupermarket

**recycle** When you have finished with this publication please recycle it.

### Supermarket Opening Hours

| | |
|---|---|
| Monday | 07.00 to 20.00 |
| Tuesday | 07.00 to 20.00 |
| Wednesday | 07.00 to 20.00 |
| Thursday | 07.00 to 20.00 |
| **Friday** | **07.00 to 21.00** |
| Saturday | 07.00 to 20.00 |
| **Sunday** | **08.00 to 18.00** |

**Special Opening Hours**

**OPEN ON SUNDAYS**
**8am - 6pm**

For queries about your orders email us on: orders@smart.com.mt

# Q & A

Minn Dr. Mary Muscat

Din ir-rubrika hi ntiża sabiex twieġeb domandi tal-qarrejja dwar il-liġi kriminali jew xi prattika marbuta mal-ġustizzja kriminali.

Il-korrispondenza tista' tintbagħat lili direttament fuq ***mary.muscat@um.edu.mt*** jew inkella ***muscatdrmary@gmail.com***



**Id-domanda hi din:**

Single mother, fejn missier it-tifel kien assenti fit-trobbija, ġiet mistiedna 'out of the blue' mill-familja paterna tat-tifel biex tmur toqgħod għandhom għal xi jiem minħabba l-festi tal-Milied. Hi hekk għamlet, imma fi żmien qasir, huma keċċewha mid-dar filwaqt li żammew lit-tifel. Il-pulizija għandha tinvolvi ruħha jew hu każ ċivili?

Il-każ għandu konsegwenzi kemm ċivili u anki kriminali, kemm fis-sostantiv u anki fil-proċedura. Ikun żball li l-pulizija li tieħu r-rapport tiddeċiedi li hu każ ċivili u daqshekk. Il-pulizija dejjem għandha l-obbligu li tinvestiga, u meta jkun hemm minuri, għandek persuna meqjusa vulnerabbli minħabba fl-età tagħha u dana joħroġ mill-ispirtu tal-liġi kemm kriminali u ċivili. Għandek ukoll liġijiet bħalma huma Kap 602 li jirrgwardaw il-protezzjoni tal-minuri. U dan apparti liġijiet u regolamenti li jikkonċernaw lill-vittma/i, kif ukoll l-obbligu tal-pulizija skont Kap. 9 u Kap 164. Fil-fatt, skont il-Kodiċi Kriminali, art. 346(3) jgħid illi "Il-Pulizija, fil-qadi tad-dmirijiet tagħha, għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji għall-protezzjoni immedjata tal-vittmi wara lissir valutazzjoni skont il-każ."

L-Att dwar il-Pulizija mbagħad jelenka diversi objettivi li għandu l-Korp, f'artiklu 4, fosthom 4(b) li "jirrispondi minnufih għal kull talba għall-ħarsien u l-intervent tal-liġi", u l-4(f), jiġifieri li "jgħin, f'limiti raġonevoli, lil kull persuna li tkun qed tfittex l-għajnuna ta' pulizija jew xi uffiċjal pubbliku ieħor ukoll jekk ir-responsabilità biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi pprovduta dik l-għajnuna, ma tkunx tappartjeni lill-Korp."

Anki jekk il-każ jirriżulta li hu purament ċivili, il-pulizija tista' tintalab tixhed quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili, u allura hemmhekk trid turi li verament għamlet xogħolha.

Qabel xejn, għandu jintalab il-kuntratt li fih hemm spjegat l-arranġament ta' aċċess, manteniment, edukazzjoni, kura medika, kura u kustodja u setgħa tal-ġenitur (parental authority). Anki jekk m'hemmx kuntratt jew digrieti tal-Qorti tal-Familja, il-pulizija xorta għandha tinvestiga. Trid tinvolvi ċ-Child Protection Services ħalli jagħmlu l-investigazzjoni tagħhom, u dana billi l-omm tinforma hi direttament u l-pulizija tagħmel il-follow-up tagħha.

Bħala investigazzjoni kriminali, wieħed ma jistax jinjora kemm il-mens rea u anki l-actus reus. Bħala mens rea, wieħed jista' jinnota li diġà prima facie, mill-istorja, joħorġu ċari l-elementi ta' manipulazzjoni, ingann u qerq, koerzjoni u anki l-pretended right (eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet) li jinsab f'art 85: "biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas … jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun."

Hemm il-vjolenza privata, f'art. 251 (1): "kull min juża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, …. jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg…" U dana minbarra reati oħra possibli bħar-rikatt f'art. 250, u forsi possibilment ta' theddid. L-element ta' vjolenza morali ovvjament joħroġ ukoll mid-definizzjoni ta' vjolenza domestika f'Kap 581.

Imbilli l-minuri qiegħed għand membri tal-familja, dan ma jeżonorax lil missieru minn possibilità tat-twettiq ta' xi reat. Jista' jkun hemm ukoll il-komplitċità tal-membri tal-familja billi jkunu waslu għall-'common design' bejniethom sabiex wettqu l-pjan tagħhom..

Ċerti każijiet donnhom jaqgħu f'dik iż-żona griża bejn il-liġi kriminali u ċivili. Sitwazzjoni antipatka biex wieħed jinterpretaha korrettament legalment. Imma tkun vera ħasra li b'nuqqas ta' għarfien tal-liġi ma jingħatax is-servizz dovut lil min għandu bżonnu.

# Meta naffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' sfida

## Employee Support Programme Unit

Kulħadd għandu fehmiet, esperjenzi tal-ħajja, u attitudnijiet differenti. Ħafna minnha probabbilment iltqajna ma' xi sfida minħabba l-imġiba ta' kollegi jew klijenti, nuqqas ta' komunikazzjoni jew minħabba attitudnijiet u valuri differenti minn tagħna.

Uffiċjal tal-Pulizija jiltaqgħa ma' nies minn kull livell soċjali waqt il-qadi ta' dmirijietu. Fosthom insibu kollegi, s-superjuri u l-pubbliku inġenerali. Faċilment ikun hemm individwi li nsibuha diffiċli nikkomunikaw u nirrelataw magħhom, imma xorta rridu noffru servizz professjonali u ta' rispett.  Din tkun sfida iktar iebsa meta l-persuna tattakkana b'mod personali, tikkritikana jew twaqqana għaċ-ċajt. Biex nżommu kalmi f'dawn is-sitwazzjonijiet, importanti li niftakru li dik il-persuna jista' jkun għaddejja minn stress jew diffikultajiet  kemm fil-ħajja personali kif ukoll pressjoni tax-xogħol u tal-kariga li ġġorr.

**Dawn li ġejjin huma xi punti li jistgħu jgħinuk tirrelata ma' nies diffiċli:**
• **Żomm il-paċenzja;** Għalkemm tista' tħoss li ilek tieħu paċenzja għal żmien twil, ipprova ifhem dak li tista' tkun għaddejja minnu l-persuna l-oħra għax dan jista' jgħinek tifhem aħjar l-imġiba tagħha.

•**Ikkomunika fuq livell professjonali;** Għażla oħra tkun li tillimita l-komunikazzjoni tiegħek ma' din il-persuna diffiċli strettament professjonali. Hekk ikollok aktar spazju biex taffaċċja aħjar is-sitwazzjoni u żżomm il-kalma.

• **Identifika x'qed jaffettwak;** Jekk tagħraf x'qed idejqek, tkun tista' tieħu pass lura jew tirrikonoxxi s-sitwazzjoni meta ġġarrab ċerta mġiba.

• **Iddiskuti mal-oħrajn;** B'dan il-mod tista' tara l-perspettivi tal-kollegi tiegħek. Il-probabbiltà hija li xi wħud mill-kollegi tax-xogħol ikunu ħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet simili, u għalhekk jistgħu jifmhuk aħjar. Itlob l-għajnuna tagħhom u ara x'jaħsbu.

• **Tibżax tesprimi l-ħsibijiet tiegħek;** Fejn hu possibbli tibżax taqsam l-emozzjonijiet tiegħek mal-persuna. Jekk ma tindirizzax is-sitwazzjoni, allura ma tistax tistenna li l-peruna l-oħra tinduna kif fil-fatt tkun qed taffettwak. Kultant il-kunflitti jgħinu  biex ħaddieħor jiġi konxju tiegħu nnifsu u tal-imġiba tiegħu.

• **Tonqosx mir-rispett;** irrelevanti minn kemm il-persuna l-oħra tirreaġixxi jew iġġib ruħha ħażin, qatt mhu ġġustifikat li turi nuqqas ta' rispett bl-azzjonijiet tiegħek stess.

Għaldaqstant, jekk tħoss li qed taffaċċja sfidi simili li qed itaqqluk jew li qed jaffettwaw l-imġiba tiegħek fuq ix-xogħol jew fil-ħajja personali, tgħin li wieħed ikollu spazju sigur fejn jista' jindirizza dawn l-isfidi. L-Employee Support Programme (ESP) jipprovdi għajnuna professjonali għal min qiegħed jesperjenza diffikultajiet simili kif ukoll diffikultajiet oħra personali jew relatati max-xogħol li qed jaffettwaw il-benesseri tal-individwu.

Tista' titlob iktar informazzjoni jew  tagħmel appuntament billi ċċempel fuq 2200 1210, tibgħat e-mail fuq esp.opm@gov.mt jew iżżur is-sit elettroniku www.esp.gov.mt. Is-servizz huwa kunfidenzjali u mingħajr ħlas lill-impjegati pubbliċi.



# Separate right, make our future bright

Kont taf li **25%** tal-oġġetti fil-borża tar-riċiklaġġ hu skart mormi ħażin?




WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE

ECOHIVE

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR

wsm.com.mt/separate-right


ATTRANS
International Transport
Groupage & Full load Movements, Freight Forwarding, Temperature Controlled Logistics, Car Transport Services & Warehousing.
Offered to and from any European Destination, Asia & North Africa.
OFFICES IN MALTA - ITALY - THE NETHERLANDS - SLOVENIA
Attrans Limited.
Attrans Depot, Mdina Road, Żebbuġ ŻBG 9018, Malta.
Tel: +356 2258 5500
Email: info@attrans.com
facebook.com/attrans
attrans.com


Building Construction
Concrete Mix
Concrete Blocks
Concrete Pump Hire
Excavation Works
Mangion Bros (Zurrieq) Ltd
Triq il-Belt Valletta ,
Zurrieq Malta ZRQ 9010
21 649 590
mangionbrothers@gmail.com
www.facebook.com/mangionbrothers


BOOST
PREMIUM QUALITY DIESEL 55 60
ASK FOR BOOST
AT YOUR NEAREST SERVICE STATION
REGISTER TO BENEFIT
www.boostdiesel.com

**Minn Steve Spiteri – Viċi President**

L-uffiċċju l-ġdid tal-POU - GWU issa qed jiftaħ regolari u qed jindara sew mill-membri tagħna. Filwaqt li kulħadd jista' jaqbad u jiġi jitkellem magħna, inħeġġu li jekk tkunu ġejjin għal xi raġuni partikolari tagħmlu kuntatt magħna biex ikun allokat ħin speċifikament għalikom.




Wara l-isfortuna li weġġa' uffiċjal tal-Pulizija ieħor waqt li kien qiegħed extra duty ġewwa l-Isptar Mater Dei, il-Police Officers Union talbet li l-uffiċjali li jkunu xogħol għandhom jingħata l-apparat neċessarju. Fil-fatt, grazzi għall-Kummissarju, dawn ingħataw taser u body cam biex jintużaw waqt li jkunu extra duty ġewwa l-Isptar Mater Dei.

Is-sena l-oħra, il-POU kienet talbet uffiċjalment li fejn hu l-każ, l-RPCs għandhom jieħdu l-allowance li jieħdu l-full timers.

Sal-ħin tal-kitba dawn għadhom ma bdewx jitħallsu. Ovvjament il-POU ħa tibqa' tippersisti li dawn jiħduhom.

Diskussjonijiet rigward l-in-service courses ġewwa l-Akkademja għall-Korpi Dixxiplinati għall-uffiċjali li huma fuq reduced hours. Filwaqt li l-in-service courses huma xi ħaġa tajba ħafna, hemm ċertu sitwazzjonijiet li l-implimentazzjoni tal-kors jista' jiġi attwat aħjar.

Għal min ma semax il-messaġġ mingħand il-President tal-Police Officers Union fil-Milied li għadda, għal din is-sena, min jidħol bħala membru ġdid kulma jrid iħallas huwa €1 u jkollu sena miżata mal-POU. Għal dawk il-membri li huma membri attivi, fl-aħħar tas-sena li ħa tkun imġedda fit-2022 dawn ser jieħdu rifużjoni ta' €49. Din l-inizjattiva ttieħdet biex bħala Police Officers Union nuru l-apprezzament lill-membri tagħna.

Shop Stewards - għal min hu interessat ikun shop steward fis-sezzjoni jew branka tiegħu iżda jixtieq aktar dettalji tal-irwol li jkollu shop steward, dan għandu jagħmel kuntatt miegħi fuq 7900 1583 u nkun nista' nirrispondi kull domanda li jista' jkun li jkollu. Jista' wkoll jiġi ġewwa l-uffiċċju l-ġdid tagħna fejn il-garaxx tal-pulizija.

Insellmilkom ħbieb.




# APPREZZAMENTI

## Mingħand il-Komunità

• Nixtieq nirringrazzja lil PC500 li waqaf jgħini wara accident avolja kien off duty u pulizija duty wara nofs inhar tal-għassa ta' Ħaż-Żabbar illum 23 ta' Diċembru.

• I've received today the rejection of my police clearance certificate and I called your office to find out what needs to be done.
I was pleasantly surprised at how lovely the lady was that I had the pleasure to talk to, I sadly don't know her name but she might remember talking to me this morning. I was calling from Switzerland, and I just wanted to let her and her boss (maybe she's the boss) know what a pleasure it was talking to her. Wishing you a good evening.

• Commissioner, I would like to draw your attention to the sterling service that I have been given by one of your Police Officers, namely PC2423 Charlene Delia at the Rabat Police Station. I have been receiving nuisance SMSs and she took care of my report and follow ups. She is professional, diligent courteous and understanding. She is a credit to the Force.

• I would like to thank PC 583 E. Grech and PC 2043 J. Chappell of the Gender and Domestic Violence Unit for their efficacity and understanding in a very difficult situation. I know that I can count on them if needed in the future!... Thank yTou again.

• Would like to Thank pc 1386 (Qawra) For being so calming. I suffer from anxiety (high anxiety), I had a traffic accident a few couple of months ago back, he helped me through it, never thought I would trust the Malta Police Force again, but he made me believe in you guys again. Keep up the good work to our heroes in blue.

• I wish to convey my thanks and appreciation to PS 55 Cutajar from the Qawra station for his quick and efficient action after I called about a disturbance from neighbours. This is the way to conduct your invaluable mission. Thank you.
Kindly inform the persons concerned.



COSECASA
THE HOUSEHOLD SHOP
GET 5% OFF WHEN PRESENTING
THE CUTOUT OF THIS ADVERT
COSECASA, 77, THREE CHURCHES STREET, BALZAN BZN 1300, MALTA
TERMS & CONDITIONS APPLY



medcomms
MARINE ELECTRONICS
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
beat yesterday.
Good Job!
15:01
Thursday:
Hill Workout
This Week 24.0 km
5.00
26:08
5:15/km
GARMIN
Now is the perfect time to move



medirect
Think ahead. Bank ahead.
Invest. Save.
Borrow. Trade.
You can do it all at MeDirect.
Ready to get started?
Download on the App Store
GET IT ON Google Play
www.medirect.com.mt
2557 4400
MeDirect Bank (Malta) plc, company registration number C34125, is licensed to undertake the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371) and investment services under the Investment Services Act (Cap. 370).
Apple Inc
$148.85
Overview
Place An Order


MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA
DOWNLOAD THE
MALTA ANIMAL WELFARE APP
REPORT ABUSE
ADOPT A PET
FOUND PET
REPORT EMERGENCY
Scan me
IOS


carini
Bathrooms
& Tiles
435,
St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202
floor tiles: 21482849
www.carinibathrooms.com


PISCOPO gardens
+356 2158 3755
INFO@PISCOPOGARDENS.COM
WWW.PISCOPOGARDENS.COM
Piscopo Gardens, Triq Tony Camilleri, Burmarrad, Malta, SPB 9063
Petshop
PAMPER YOUR PETS THE PISCOPO WAY
LARGE VARIETY OF PET FOOD & ACCESSORIES FOR ALL YOUR PETS
• CATS
• DOGS
• RODENTS
• FISH
• BIRDS
• REPTILES
• AMPHIBIANS
FREE PRIVATE PARKING ONSITE
OPEN EVERY DAY FROM 9:00 AM TILL 6:00 PM
INCLUDING SUNDAYS & PUBLIC HOLIDAYS
PRESENT THIS VOUCHER TO GET €5 OFF WITH EVERY €50 AND OVER SPENT AT THE PET SHOP

# Paġna tal-Isports

## World Company Sports Games




It-tielet edizzjoni tal-World Company Sports Games ġiet organizzata ġewwa Ateni, fejn il-Malta Sports Employee Association (MESA) għaqqdet grupp ta' 27 atleta sabiex jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni. Fost il-parteċipanti li rrappreżentaw lil Malta kien hemm PC 37 David Bezzina, li kkompeta fid-dixxiplina tal-atletika fil-100m, 200m, long jump u 4x100m relay.

Il-kontinġent Malti rebaħ total ta' 34 medalja, fejn PC 37 David Bezzina rebaħ il-medalja tat-tieni post fil-kategorija 4x100m relay.

## Police Christmas Football Tournament




F'Novembru ġewwa l-Football Grounds tal-Pietà, ġie organizzat it-tournament tal-football fuq format ta' 5-a-side. Dan it-tournament kien mistenni ħafna, l-aktar minħabba l-fatt li ma kienx sar is-sena l-oħra.

Fost l-24 tim li ħadu sehem, din is-sena l-finali kienet bejn it-team tal-RIU A kontra l-8PD fejn dawn tal-aħħar ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 1-2. Il-logħba tat-tielet u r-raba' post kienet bejn it-tim tal- FCID A, li għelbu lit-team tal-SB/CTU. PC 411 Jurgen Schriha rebaħ l-unur tat-Top Scorer ta' dan it-tournament filwaqt li PC 1352 Ismael Buhagiar rebaħ l-unur tal-aqwa Goalkeeper tat-tournament.

## Paintball mar-Rekluti



Nhar l-4 ta' Diċembru ġewwa l-Extreme Paintball, Ta' Qali, ġiet organizzata attività tal-Paintball għar-rekluti, li sa dak iż-żmien kienu qed jitħarrġu ġewwa l-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinarji. Din l-attività saret fuq talba tal-istess rekluti. Ir-rekluti nqassmu f'5 gruppi ta' 7 membri u sar league fejn kulħadd jilgħab kontra xulxin u l-aktar tim li jirbaħ logħob, jinħatar rebbieħ ta' din l-attività.

Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lir-rekluti talli l-ewwel u qabel kollox attendew fil-ħin liberu tagħhom għal din l-attivita, kif ukoll talli fehmu l-importanza li dawn it-tip ta' attivitajiet jiġu organizzati, sabiex tissaħħaħ l-għaqda bejn l-istess membri.

## Commissioner's Football Cup



Ġiet organizzata l-logħba ta' ħbiberija bejn it-tim tal-High Ranking Officers kontra għażla ta' players li ffurmaw it-tim tal-Other Ranks, sabiex jinħatar ir-rebbieħ tal-Commisioner's Cup. F'din il-logħba football, li saret ġewwa l-Pieta Football Grounds, spikkat mhux biss l-element ta' kompetizzjoni, iżda l-isportività u ħbiberija bejn kulħadd. Ir-rebbieħa ta' din il-logħba kienu l-High Ranking Officers li wara li l-logħba ntemmet bl-iskor ta' 3-3, kellu jinħatar ir-rebbieħ bl-għoti tal-penalties, fejn ħarġu rebbieħa t-tim tal-Uffiċjali tal-Korp.

# Malta Association of Retired Police Officers

**Mis-Sur Martin Pace – Assistent Segretarju MARPO**

Nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru 2021 kellna l-Laqgħa Ġenerali Annwali li s-sena l-oħra m'għamilnihiex minnħabba l-COVID-19. Din id-darba stajna nagħmluha għax imxejna mal-protokolli stabbiliti.

Il-laqgħa kienet waħda tajba u dawk preżenti pparteċipaw bis-sħieħ.
Inqraw il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-5 ta' Mejju 2019 u r-rapport amministrattiv u dak finanzjarju, liema rapporti kienu approvati unanimament.

Il-membri kienu infurmati li matul is-sena 2019, il-kumitat ftit li xejn ltaqa' u fis-sena 2020 ma ltaqa' xejn fiżikament imma kien hemm xi laqgħat virtwali, dan kollu minnħabba l-COVID-19. Madankollu ltqajna seba' darbiet u kellna ħames laqgħat mal-Kummissarju.

Bħalissa m'għandniex xi suġġetti partikulari fuq xiex niddiskutu madankollu kellna diskussjonijiet kemm bejnietna kif ukoll mal-Kummissarju dwar il-Kuntistabbli tar-Riserva u l-kundizzjonijiet tagħhom. S'issa qbilna li dawk riserva jibdew iħallsu l-kontribuzzjoni dovuta kull tliet xhur bħal membri regolari. Dan sabiex b'hekk ikunu jistgħu jibbenfikaw minn dak li jistgħu jibbenfikaw minnu dawk il-membri regolari.
Dan għax mingħajr il-ħlas tal-kontribuzzjoni ma kienu qed jibbenifikaw minn xejn. Hawn, l-Għaqda qed tinsisti li dawk tar-riserva xorta jitħallsu dak dovut lilhom mis-settlement scheme li bdiet wara Diċembru 2017, fejn dawk li kienu regolari fil-ħlas ta. M.H.A. jitħallsu lura l-ammont li kienu ħallsu. Dwar dan għad jonqos qbil aħħari mill-Kummissarju. Qbilna wkoll li jekk ikun hemm xi ntoppi dwar dan, il-Kumitat ingħata l-awtorità li jkompli jinsisti sabiex il-membri tar-Riserva jingħataw dak li hu bi dritt tagħhom.

Il-membri kienu infurmati wkoll li:
- f'Ottubru 2019 ħadna sehem f'seduta fil-Parlament dwar is-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani u l-Kunsill Nazzjonali taż-żgħażagħ, immexxija mill-Ispeaker Dr Anġlu Farrugia;
- f'Awwissu 2020 kellna laqgħa mal-Ministru Dr Byron Camilleri u
- f'Mejju 2021 kellna laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Bernard Grech.

F'dawn il-laqgħat fost oħrajn, fissirna l-għanijiet tagħna bħala għaqda u tkellimna dwar il-ħtieġa li l-anomaliji dwar il-pensjoni tat-tezor tkun indirizzata. Tkellimna biex issir ġustizzja ma' dawk il-membri li baqgħu ma ngħatawx il-midalja kif ukoll ikunu riveduti l-kriterji kif tingħata l-midalja.

Attivitajiet soċjali ma kellniex iżda attendejna l-attivitajiet li saru fuq l-oqbra tal-Pulizija kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex kif ukoll iċ-ċerimonja fuq il-Monument tal-Gwerra.




JCR
IMPORTS LIMITED
info@jcrimports.com.mt • www.jcrimports.com.mt
YOUR PARTNER IN CONSTRUCTION
Sika
licata
EDILCHIMICA
DAKOTA


Swaey Bros Ltd
Malta
Swaey Bros Ltd has been selling and hiring cranes since 1983. The company has vast experience in many small to large-scale projects. Apart from other services, Swaey Bros Ltd is also the sole agent of hydraulic equipment parts of many renowned brands.
• Crane Fleet ranging from 25 to 200tons
• Specializing in Boat Lifting & Transport
• Self Erecting / Static Tower Crane; Sales, Rentals, Erection and Dismantling.
• Safe Load Indicator installations
• Radio Remote Controllers suitable for various industrial applications
• Repairs on all types of Hydraulic Equipment
• Mobile Machinery Sales
• Wide range of Lifting belts, Chain slings,
• Wire ropes and Accessories.
1, Triq il-Kuncizzjoni, Mosta MST 4891
Tel: +356 21416163 / 21433380
Fax +356 21413115 Mob: +356 99492362.
www.swaey.com email: swaey@swaey.com


Light Up Your Home With
MCE
MCE Limited
Your Guarantee to Quality Products
Lux-may
EATON
With a large selection of Lamps and Luminaires for indoor and outdoor use for both household and commercial applications at unbeatable prices!
ilogo
Iluminación Llémena sl
MULTIBRANDS
SELECTRIC
Electrical & Lighting Products
MCE House, Triq L-Industrija, Hal-Qormi. Tel: 21 486213 Email: info@mcemalta.com
Visit Our Website: www.mcemalta.com or Find us on Facebook


GODWIN'S GARAGE
ALL SPECIFICATIONS FOR YOU TO CHOOSE FROM
Godwin`s Garage is the largest vehicle rentals and leasing company in Malta with more than 400 commercial vehicles, scissor lifts, platforms, boom lifts and cherry pickers
Tel: (356) 2137 7007 / 2142 4771 /1/2/3
Mobile: (356) 9949 2584 / 7947 8990 / 7944 4915
www.godwinsgarage.com
email: godwin@godwinsgarage.com


fgp
The Garage Door People
FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.
FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8
Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt


BALLUT BLOCKS
Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com
Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.
FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY
Precast Windows
Demolition Works
Trenching Works
Concrete Bricks
Excavation
Precast Slab Roofing
Tunnelling
Tunnelling Machine
Ready Mix Concrete
Piling Machine
Piles
Precast Walls
GPC Concrete Solutions
General Precast Concrete Ltd Hal Far Industrial Estate
www.ballutblocks.com

# International Police Association

IPA Malta Section, Committee member Ivan Brincat was recently awarded, Premju Esperjenzi Sportivi 2021 (Sports Experience Prize 2021). The competition itself is widely followed on social media and was based on past sports experiences of the competing participants who, after adjudication, Ivan gained maximum points.

IPA Malta section is proud of Ivan, a passionate fitness enthusiast, and we are very pleased for all his achievements. He always put his fitness ideals to good use and always was and still is a huge inspiration to all who know him.

Prior to his days in the Malta Police Force, Ivan was involved in sports proving his abilities in waterpolo, handball and darts and later served for 25 years in the Malta Police Force. For 8 years he was fitness instructor at the Police Academy. He is now retired on pension from the Malta Police and is presently employed with the U.S. Embassy, where he fills the role of fitness instructor for all U.S. Embassy bodyguards.

Physical activity is a way of life for Ivan and a big contributor to his overall wellbeing. Ivan’s message to all members of the Malta Police Force is that “if you are in a position of responsibility to safeguard others’ lives, it is imperative to first ensure that you are physically fit, as this will enable you to fulfill your role better”.






# Obitwarju



**Ex PC 284**
**Paul Azzopardi**
1943 – 2022
1962 – 1990



**Ex PC 499**
**Joseph Caruana**
1929 - 2021
1950 - 1977



**Ex PC 1119**
**Joseph Herbert**
1941 – 2021
1959 – 1980



**Ex PS 398**
**Raymond Henwood McKeon**
1947 - 2022
1966 – 1980



**Ex PC 605**
**Gona Caruana**
1948 – 2021
1969 – 2009



**Ex PC 1263**
**Alexander Cosby**
1961 - 2022
1979 – 2005



**Ex PC 932**
**Carmel Role**
1928 – 2022
1979 – 1980



**Ex PC 869**
**Anthony Cini**
1935 - 2022
1954 – 1980



**Ex PS 96**
**Francis Zammit**
1938 – 2022
1963 – 1992


SEARCHING FOR YOUR
PREFERRED INCOME
Vilhena High Yield Fund
4.79%*
Vilhena Sterling Income Fund
2.83%*
Vilhena Malta Bond Fund
2.05%*
*Current income yield as at 31/01/2022.
Talk to us | 2131 2020 | bovassetmanagement.com
Past performance is not necessarily a guide to future performance. The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may also affect the value of the investment. Any initial charges that may apply may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Vilhena Funds Prospectus, Offering Supplements and the Key Investor Information Document, which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c., Branches and Investment Centres and other licensed financial intermediaries. The investments underlying these financial products do not take into account the EU criteria for environmentally sustainable economic activities. BOV Asset Management Limited is licensed to provide investment services in Malta by the Malta Financial Services Authority. The Vilhena Funds SICAV p.l.c. is licensed by the Malta Financial Services Authority and qualifies as UCITS. Issued by BOV Asset Management Limited, 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta, VLT 1130, Malta. Tel: 2122 7311, Fax: 2275 5661, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com. Source: BOV Asset Management Limited.
BOV
ASSET MANAGEMENT
A MEMBER OF THE BOV GROUP

MINISTRY FOR ENERGY, ENTERPRISE AND SUSTAINABLE DEVELOPMENT

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EUROPEAN FUNDS

WATER
BE THE CHANGE

EU funds for Malta 2014-2020

# TOGETHER
## WE CAN MAKE THE CHANGE



THERE ARE MANY DAY TO DAY WATER SAVING ACTIONS WHICH YOU CAN DO TO USE WATER MORE EFFICIENTLY AND HELP US ADDRESS THE IMPACTS OF A CHANGING CLIMATE.

**NOT WASTING WATER IS ONE OF THEM! EVERYONE'S SMALL CONTRIBUTION CAN MAKE A BIG DIFFERENCE.**

VISIT **WWW.WATER.ORG.MT** FOR MORE INFORMATION.

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project part-financed by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

THE ENERGY & WATER AGENCY